# ID-DISA' SINFONIJA TA' BEETHOVEN

*Ta'* Karmenu Mallia

X'mewġa ta' ferħ
Inħossu f'qalbna tfawwar
Kif jinżlu ġo widnejna n-noti ħelwa
Li int sawwart,
Agħma,
Fl-aħħar jiem imdejqa,
U għannejt fid-dmugħ ta' qalbek.

X'żiffa ta' mħabba,
X'għaqda sħiħa u bnina,
X'għatx li nittajru tnissel ġo xewqitna
Bin-noti tiegħek
Qisek, bil-għaqal, sraqthom
Mill-fomm għasli ta' l-Anġli.

X'ilsien ta' ħlewwa!
Min tahulek, tkellem?
Imbierek għal elf darba Min tahulek!
Kif nistaħjew
Nitbandlu bħal ġo ħolma
Li ħadd ma jista' jfisser.

Mhux tassew, għidli,
Li lsien did-dinja tiegħek,
Insiġtu, irqomtu,
B'dil-ħlewwa, biex thennina?
Il-Ħajja hi xbieha ta' dis-Sinfonja
L'int ħlaqt imnebbaħ.